**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 5 t' Ottubru, 2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Anthony Taliana**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Anthony Taliana detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 046688M akkuzat talli fit-30 ta' Lulju, 2009 ghal habta tal-05.15 A.M. gewwa Tul il-Kosta, Bahar ic-Caghaq limiti ta' Naxxar u f' bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin;

(i) B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' regolamenti, kkaguna l-mewt ta' James Clifford Micallef li ghandu numru tal-karta tal-identita' 0285364(M).

(ii) Saq vettura b' numru ta' registrazzjoni NIN 004 tal-marka Opel Astra b' manjiera traskurata, bla kont u perikoluz,

(iii) Saq vettura b' numru tar-registrazzjoni NIN 004, ipprova issuq jew kien fil-kontrol ta' vettura fi triq pubblika wara li kien ikkonsma tant alcohol, li proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt;

(iv) Saq jew prova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura b' numru tar-registrazzjoni NIN 004 fi triq pubblika meta ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

(v) Bhala xufier tal-vettura b'numru ta' registrazzjoni NIN 004 naqas li jieqaf wara li din il-vettura bil-mutur fit-triq kienet jinvolvi offiza fuq il-persuna;

(vi) Ma kienx kopert b'polza ta' sigurta dwar terzi persuni;

(vii) Talli fl-1 ta' Dicembru, 2007, f' dawn il-Gzejjer Maltin b' nuqqas ta' hsieb, traskuragni ta' hila u professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' regolamenti meta kien qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ANN 005 tal-marka Mazda X5, ikkawza ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rachel Dingli Attard u aktar talli aktar tard fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi kont qed issuq l-imsemmija vettura b'mod eccessiv u negligenti.

(viii) Talli nhar it-30 ta' Lulju, 2009, saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni NIN 004 tal-marka Opel Astra b' velocita eccessiva.

U aktar talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 16 t' April, 2009 mil-Onor. Mag. Dr. C. Scerri Herrera LL.D., liema sentenza hi definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill imsemmi Anthony Taliana – I.D. 0046688(M), milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Onor. Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-3 t' Awwissu, 2010, (esebita a fol. 348 tal-atti processwali fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

a. FL-artikolu 255 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 266(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
c. Fl-artikoli 15(a)(2)(3), 15A(1)(2), 15B, 15H(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 3(1)(1A)(1B)(2)(2A)(2B) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta
e. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-25 ta' Novembru, 2009 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat is-Social Inquiry Report inserit a fol 702 et sequitur tal-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat in-Nota ta' Referenzi prezentata mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh fit-30 ta' Lulju, 2009 ghall-habta tal-5:15am fi Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni NIN 004 tal-marka OPEL ASTRA misjuqa mill-imputat Anthony Taliana u rota misjuqa minn Clifford Micallef fejn tragikament dan tal-ahhar spicca sabiex tilef hajtu bhala konsegwenza ta' dan l-incident. Mal-impatt is-sewwieq tal-vettura NIN 004 baqa' sejjer u kienu terzi persuni[1] li nsertaw ghaddejin minn fuq il-post li raw lil Clifford Micallef mitfuh mal-art li waqfu u allertaw lil Pulizija u cemplu ghal ambulanza.

Illi l-incident de quo sehh ezattament fin-nizla li minn St Andrews taghti ghal xi metri qabel id-dahla tal-White Rocks. Il-vittma nstab fuq in-naha tax-xellug tat-triq u kien liebes gear tac-ciklizmu ahdar u nstab ukoll helmet isfar (Dok KF1). Fuq Il-post instab ukoll parti minn bumper ta' vettura li kellu fuqu numru ta' registrazzjoni NIN 004 u aktar l-isfel mill-kadavru kien hemm vettura trukk bin-numru tar-registrazzjoni JBF 197 wieqfa bir-rota tal-vittma tahtha. Is-sewwieq ta' dan it-trukk, Anthony Degabriele, qal lil Pulizija li huwa kien ra l-vittma mal-art u evitah u mbaghad hass il-bicycle taht ir-rota tal-vettura tieghu li kaxkarha n-nizla

[1] Vide Xhieda ta' Charles Gafa a fol 273 et seq

sakemm waqaf. Il-bicycle mas-sedil kellha materjal li jirrifletti abjad u kellha dawl b' reflection iteptep fuq wara. Il-bicycle kellha hsara konsiderevoli fuq wara tant li r-rota ta' wara nqasmet u l-body taghha nqalghet minn mal-welding[2].

Illi minn investigazzjonijiet li ghamlet il-Pulizija rrizulta li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni NIN 004 kienet registrata f' isem Anthony Taliana senior (missier l-imputat odjern) u meta l-Pulizija tal-Mobile Squad[3] sabuh qed isuq vann abjad bl-imputat mieghu huma waqfuh u meta gie mistoqsi jekk kienx involut f' xi incident tat-traffiku Bahar ic-Caghaq dan irrisponda fl-affermattiv u nizel mill-vann, rikeb maghhom fil-vettura u hadhom f' garaxx proprjeta' tieghu fi Triq Dun Frans Camilleri, il-Hamrun fejn kien hemm il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni NIN 004 b' daqqa kbira fuq quddiem, hsara fil-windscreen u demm fuq is-seat tal-passiggier. Il-magna tal-karozza kienet ghadha shuna u l-bumper u r-registration number ta' quddiem kienu nieqsa. Fil-garaxx kien hemm ukoll vettura ohra b' daqqa konsiderevoli fuqha.

Illi meta Anthony Taliana senior rikeb mal-Pulizija ghaliex qalilhom li kien hu s-sewwieq involut fl-incident stradali de quo, Anthony Taliana junior baqa' sejjer bil-vann.

Illi meta l-Pulizija bdew jitkellmu ma' Anthony Taliana senior dan ma kienx konvincenti dwar il-fatt li effettivament kien hu s-sewwieq involut fl-

---

[2] Vide xhieda tal-iSpettur Kevin Farrugia a fol 14 u r-rapport tal-espert Mario Buttigieg a fol 122
[3] Vide xhieda ta' PC 191 Luke Buegja u PC 142 Robert Borda a fol 152 et sequitur

incident bil-vettura NIN 004 u mbaghad indikalhom li effettivament seta' kien ibnu Anthony Taliana ta' kwazi 21 sena l-persuna nvoluta.

Illi Anthony Taliana junior ma setax jigi rintraccjat u meta l-Pulizija marru fl-indirizz fejn kien joqghod Bugibba fejn ma fetah hadd, huma bdew jisimghu l-mobile phone tieghu jdoqq minn gewwa u wara li ngab missieru fuq il-post sabiex jiftah il-bieb tal-appartament l-imputat instab rieqed fuq is-sodda u b' riha qawwija ta' xorb[4] u dak il-hin sarlu l-breathalyser test u wara li ttiehed l-Ghassa ta' Birkirkara fil-11:30am ittihidlu l-urine sample minn Dr Mario Scerri, l-espert mediku nominat fl-Inkjesta Magisterjali.

Illi meta l-imputat gie mitkellem mill-Pulizija huwa qal li kien hu l-persuna li kien qed isuq il-vettura NIN 004 fl-incident de quo u li d-demm li nstab fuq is-seat ta' quddiem tal-vettura kien ta' Natasha Chesney li kienet passiggiera mieghu u li huwa wassal Bugibba.

Illi rrizulta li l-imputat ma kienx kopert b' polza ta' assikurazzjoni ghal terzi ghaliex il-polza mahruga fuq il-vettura kienet 'Named Driver Policy' li tkompli biss lil Anthony Taliana senior u Ann Taliana (ara rapport tal-espert Mario Buttigieg).

Illi dwar il-vettura l-ohra li nstabet fil-garaxx fil-Hamrun irrizulta li din ma kellha x' taqsam xejn mal-incident tat-30 ta' Lulju, 2009 izda li l-imputat kien involut f' incident separat b' din il-vettura (ANN 005) fl-1 ta'

[4] Vide xhieda ta' PS 950 a fol 22 et sequitur

Dicembru, 2007 fejn il-passiggiera li kellu mieghu, Rachel Attard Dingli, sofriet griehi ta' natura gravi. Dwar dan it-tieni ncident ma kien sar l-ebda rapport mal-Pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-incident tat-30 ta' Lulju, 2009 saret Inkjesta Magisterjali (Process Verbal relattiv inserit a fol 62 tal-atti processwali) fejn gew mahtura diversi esperti li n-nomina taghhom giet debitament konfermata minn din il-Qorti permezz ta' digriet tal-25 ta' Settembru, 2009.

Illi l-konstatazzjonijiet u l-konkluzzjonijiet maghmula minn dawn l-esperti huma ta' utilita' kbira sabiex din il-Qorti tkun tista' tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha dwar id-dinamika tal-incident awtomobilistiku de quo u ghalhekk ser issir referenza partikolari ghal siltiet minn dawn ir-rapporti.

Qabel ma jsir dan izda din il-Qorti trid taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali tas-6 ta' Frar 2015 (a fol 433) liema sentenza nghatat wara li fil-5 ta' Mejju, 2012 li l-imputat odjern intavola rikors fejn talab li jigi dikjarat li gew lezi d-drittijiet tieghu taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (meta ttiehditlu Stqarrija minn esperti mahtura fl-Inkjesta Magisterjali minghajr ma kellu l-ghajnuna ta' avukat u talab l-isfilz tal-istess stqarrija kif ukoll tar-rapporti tal-esperti Godwin Sammut, Mario Scerri u Mario Buttigieg. Fl-imsemmija sentenzi tal-Qorti

Kostituzzjonali din il-Qorti inghatat is-segwenti direzzjoni u gie deciz hekk:-

*"15. Din il-qorti hija tal-fehma illi, dak mistqarr mill-attur ma għandux jitneħħa mill-inkartament iżda, billi dak mistqarr ingħad f'ċirkostanzi illi fihom ma tħarisx għal kollox il-jedd tal-attur taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni, min għandu jiddeċiedi fuq il-ħtija tal-attur ma għandux jieħu qies ta' dak mistqarr bħala prova tal-kontenut tagħha għall-finijiet ta' ħtija o meno tal-attur iżda jista' jieħu qies tiegħu għall-finijiet ta' kontroll u kredibilita` ta' xhieda.*

*16. L-attur qiegħed jitlob illi jitneħħew ukoll mill-inkartament ir-rapporti ta' Godwin Sammut, tat-Tabib Scerri u ta' Mario Buttigieg – ilkoll maħtura esperti mill-Qorti tal-Maġistrati – għax dawn "ibbażaw il konklużjonijiet tagħhom prinċipalment jew esklusivament fuq l istqarrija" tal-attur. Dwar ir-rapporti ta' dawn l-esperti l-qorti tosserva illi, safejn dawn huma msejsa fuq osservazzjonijet fattwali u oġġettivi magħmula mill-esperti stess (bħal ma huma fil-biċċa l-kbira tagħhom), ma jistax jingħad illi jinkiser il-jedd tal-attur għal smigħ xieraq jekk il ġudikant jagħżel li joqgħod fuq dawk ir-rapporti. Safejn iżda r-rapporti huma msejsa fuq dak mistqarr mill-attur meta ma kienx assistit minn avukat, min għandu jiġġudika dwar il-ħtija tal-akkużat għandu jirregola ruħu fid-dawl ta' din is-sentenza.*

*17. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell tal-attur billi tgħid illi, meta l-attur għamel stqarrija bla ma kellu l-għajnuna ta' avukat, inkiser il-jedd tiegħu mħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni; tordna illi jitkompla s-smigħ quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali b'ħarsien ta' dak illi jingħad f'din is-sentenza, partikolarment fiż-żewġ paragrafi ta' qabel dan. Tordna għalhekk illi kopja ta' din is-sentenza tiddaħħal fl-atti tal-proċess il-Pulizija (Spettur Kevin Farrugia) v. Anthony Taliana li qiegħed jinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.*"

Illi stante li kif iddeterminat il-Qorti Kostituzzjonali stess ir-rapporti ta' dawn l-esperti huma fil-bicca l-kbira taghhom imsejsa fuq osservazzjonijiet fattwali u oggettivi maghmula mill-istess esperti, din il-Qorti ser taghmel ampja referenza ghalihom u ser tiskarta jew ahjar tinjorah biss dawk il-konstatazzjonijiet jew konkluzzjonijiet imsejsa fuq dak mistqarr mill-imputat meta me kienx assistit minn avukat.

**Rapport tal-Perit Richard Aquilina[5]**

Il-Perit Richard Aquilina apparti li hejja pjanta dettaljata tal-lok tal-incident (a fol 70), indika li t-triq kienet xotta u li dan l-incident gara fit-triq li tinsab bejn Pembroke u Bahar ic-Caghaq, ftit qabel it-triq li tmur lejn il-Madliena u li l-incident gara ftit wara liwja u kurva vertikali fit-triq. Huwa ndika ukoll li l-vittma kellu cycling suit safra u fil-konkluzzjonijiet tieghu qal li:-

> Fil-post fejn kien gara l-incident, it-triq ghandha zewg kareggi, wahda kontra l-ohra b' linji kontinwa bejniethom li bil-kemm tidher. Dan il-post jinsab wara kurva ghal min ikun gej minn naha ta' Pembroke u ftit qabel il-post tal-incident, it-triq ghandha wkoll kurva vertikali u ghalhekk il-vizwali (Sight Distance) hija restritta. It-triq kienet xotta.

Illi jrid jigi precizat li l-incident sehh qabel ma saru t-tibdiliet konsiderevoli fil-Coast Road, kif del resto jirrizulta mill-atti u mix-xhieda prodotti mid-Difiza.

[5] Inserit a fol 66 set seq

Rapport tal-espert Mediku Dr Mario Scerri

Mir-rapport ta' Dr Scerri rrizulta s-segwenti:

1. Illi huwa kien ta struzzjonijiet lill-Ispettur Kevin Farrugia sabiex jittiehed breathalyzer test lil Anthony Taliana junior u dan fil-fatt ittiehidlu minn PS 1101 Hermann Mula fil-11:15am fejn instab illi kellu livell tal-alcohol 33Ug/dl.
2. Illi l-kampjun tal-awrina tal-imputat ittiehed minn Dr Scerri fil-11:30am u l-buccal swabs fl-11:45am (ara ritratti a fol 29 u 30 tar-rapport ta' Dr Scerri) u li dawn gew issigillati fil-prezenza tal-imputat u mghoddija lill-espert tossikologu Godwin Sammut.
3. Illi Natasha Chesney, il-passiggera li kienet ma' Anthony Taliana kellha abrazjonijiet ta' natura hafifa fuq l-aspett posterjuri tal-parti ta' fuq tar-rigel tal-lemin u d-demm li nstab fuq il-passenger seat tal-vettura NIN 004 kien jappartjeni lilha.
4. Illi l-kadavru ta' Clifford Micallef kellu l-parti ta' fuq tal-ispina li kien contortionist like.
5. Illi kollox jindika illi l-kawza tal-mewt ta' Micallef kienet rizultat dirett ta' impatt vjolenti.

Rapporti tal-Ispizjar Godwin Sammut

Illi fl-ewwel rapport maghmul mill-Ispizjar Godwin Sammut li analizza l-kampjun ta' urina tal-imputat mehud minn Dr Mario Scerri fil-11:30am (u cioe' madwar sitt sighat wara li sehh l-incident) gie konkluz is-segwenti:-

a. Illi fuq analizi li saru fuq il-kampjun li ttiehed minn Anthony Taliana irrizulta fin-negattiv ghall-Cannabis, cocaine, opiates, methamphetamines, amphetamines, barbiturates, benzodiazepines, methadone.
b. Il-livell tal-alcohol fil-hin li ttiehed il-kampjun, kien ta' 98mg/dL (0.98h/L) li huwa klassifikat bhala Euphoria/Excitement – diminution of attention, judgment & control, impairment of perception & loss of critical judgment [Clarke's Analysis of Drugs and Poisons, Volume 1.]

Irid jigi precizat li dan l-analizi u dawn il-konstatazzjonijiet saru mill-espert Sammut minghajr ma huwa ha in konsiderazzjoni dak li kien qal l-imputat fl-istqarrija rilaxxjata lill-espert Mario Buttigieg.

Illi meta xehed fl-udjenza tal-25 ta' Settembru, 2009 u prezenta l-ewwel rapporti tieghu l-inkarigu tal-Ispizjar Godwin Sammut gie estiz sabiex jikkalkula r-ratio tal-livell ta' alcohol ikkunsmat mill-imputat dakinhar tal-incident. Illi minn dan it-tieni rapport inserit a fol 153 et seq jirrizulta li sabiex jaghmel rikostruzzjoni tal-alcohol level li kellu l-imputat fil-hin tal-incident l-espert ha in konsiderazzjoni ix-xhieda li nghatat mill-imputat quddiem l-espert Buttigieg. Dan ifisser li din il-Qorti a tenur tad-direzzjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali ma tistax tiehu in konsiderazzjoni ta' dawn il-konkluzzjonijiet ghal finijiet ta' sejbien ta' htija.

**Rapporti ta' Mario Buttigieg**

Illi fl-ewwel rapport imhejji minn Mario Buttigieg u nserit a fol 122 tal-atti processwali hemm indikat is-segwenti:-

Illi fejn allegatament sehh l-incident huwa imdawwar bil-bini. Sezzjoni mija seba' u ghoxrin (127) tal-Motor Vehicle Regulation jghid li l-velocita ta' vettura misjuqa go nhawi bhal dawn m' ghandiex teccedi l-velocita ta' 80km/h. Izda fuq il-post gie osservat li f'dawk l-inhawi hemm tabelli tal-ispeed limit fejn l-velocita massima hi dik ta' sebghin (70km/h) kilometru fis-siegha.

Illi meta sehh dan l-incident il-wicc tat-triq kienet xotta waqt li l-kundizzjoni tat-triq ma kienet tajba.

Illi gie ikkonstatat li l-vettura NIN-004 garrbet hsarat (contact damages) hekk kif dedotti hawn isfel –

i. Bumper ta' quddiem;
ii. Windscreen;
iii. Saqaf;
iv. "A" pillar naha tax-xellug;
v. Bonnet (minsuh)

Illi r-rota garrbet hsarat (contact damages) fir-rim tar-rota ta' wara.

Illi fuq il-post gie stabbilit li l-vettura qabel l-impatt ma halliet l-ebda brake mark. Illi ntant gie osservat li kien hemm debris tul it-triq kollha u cioe' fuq iz-zewg nahat ta' triq. Intant gie stabbilit ukoll li r-rota spiccat fuq il-karregjata fejn kien qed isuq ic-ciklist. Dan seta' jigi stabbilit mill-gauge marks li halliet ir-rota meta inqabdet mit-truck. Ic-ciklist spicca fuq in-naha tax-xellug tat-triq.

Illi minn ezami aktar fil-profond li ghamel l-espert gewwa l-kwartieri generali tal-Pulizija fuq il-vettura NIN-004 irrizulta li l-plastic bumper kien nieqes waqt li kien ghad hemm biss bumper reinforce. Gie stabbilit li dan il-bumper reinforce kellu daqqa fuqu. Illi ghaldaqstant meta l-espert ra hekk ha l-profile ta' dan il-bumper reinforcer sabiex tkun stabbilitha il-velocita li Anthony Taliana kien ghaddej biha meta laqat lic-ciklist Micallef. Intant minn qies li ha l-espert irrizulta li l-vettura kellha l-ghafsa kienet dahhlet tnejn punt disa (2.9cm) centimetre. B' din l-ghaffsa l-espert jista jasal ghal konkluzzjoni b' liema velocita kien ghaddej Anthony Taliana biha meta laqat lill-vittma u cioe lil Micallef. Illi ghaldaqstant l-espert uza l-formola maghrufa bhala Morgan & Ivy formula

ebs = C max √ 1.27 – 0.0002 * weight of the car

ebs = 2.9 √ 1.27 – 0.0002* 1213

ebs = 2.9 √ 1540.27

ebs = 2.9 (39.24)

113.80 kilometres per hour

Illi minn kalkoli li ghamel l-espert irrizulta li Anthony Taliana kien qed issuq il-vettura ta' missieru b' velocita ta' mija u erbatax (114 km/h) kilometru fis-siegha.

Illi dan il-velocita kompatibbli mal-hsarat li sofriet il-vettura. Dan anki gie konfermat minn studju li sar mill-pulizija Awstraljana fejn Sgt. P.R.T Bellion B. Eng (Civ) M.S.A.E. hu jghid illi, ".. at speed of around 100km/h and upwards the head strike shpuld be into the top section of the windscreen or the roof line above the windscreen"

Illi wara li l-espert sab il-velocita tal-vettura huwa seta' jistabbillixi d-dinamika ta' kif sehh dan l-incident. Illi rrizulta li Taliana qed isuq b' velocita ta' mija u erbatax (114km/h) kilometru fis-siegha, meta habat fir-rota ta' Micallef fuq wara wara. Ir-rota u cioe' ir-rim tat-tyre taghha kellha daqqa vjolenti. Id-daqqa kienet tant kbira li l-frame tal-istess rota inqassam.

Illi fuq ix-xena tal-incident ma setghax jinsab fejn attwalment sehhet l-habta u dan peress li ma gewx osservati l-ebda gauge marks fil-wicc ta' triq.

Illi gie stabbilit li bil-velocita li Taliana kien ghaddej biha Micallef tar b'dik l-istess velocita li gie milqut biha. Kerry Knapp Ph.D u Patrick Hannon Ed.D jghidu illi, "the pedestrian in accordance with Newton's first law of motion will separate from the vehicle after the impact. Ravani et al (1981) reports that in most cases the president will spate from the vehicle and will contact the roadway and suffer abrasive ground injury on the same side of the body that experienced vehicle impact damage." Intant minn aktar studju li ghamel l-espert mal-kitba tas-Surgent P.R.T Vellion B. Eng (Civ) M.S.A.E irrizulta li b' dik il-velocita pedestrian itir distanza tul ta' seba' u sittin (67) metru. Din id-data giet migbura wara l-istess Pulizija Awstraljana ghamlet wiehed u tletin (31) ezami fuq diversi vetturi li lkoll taw l-istess rizultat.

Illi peress li l-espert fir-riferenza uza il-kelma pedestrian irid jigi ccarat illi ma jaghmilx differenza jekk il-persuna mitluqa mill-vettura tkunx persuna li tkun qed timxi (pedestrian) jew ciklist li jkun ghaddej b' rota. Illi f' dan il-kuntest l-istess surgent fl-istess artiklu tieghu jghid illi, " it is confirmed that there is a relationship between the location of adult pedestrian and bicyclists head strike on a passenger car at impact speed".

Illi dan l' allegat incident stadali sehh gewwa Triq Tul il-Kosta, Naxxar meta Anthony Taliana kien qed isuq il-vettura ta' missieru ta' ghamla Opel mudell Astra li ghandha numru tar-registrazzjoni NIN-004. Taliana kien qed isuq fit-Triq il-Kosta, Naxxar u kien ghadu wasal hdejn l-ispeed camera meta sehh l-incident u laqat ciklist li kien ghaddej f' din it-triq. Kien fix-xahar ta' Lulju, 2009 ghal habta tal-hamsa u kwart (05.15 hr) ta' filghodu u skond l-evidenza li l-espert kellu f' idu u anki meta l-espert ghamel l-access it-temp kien tajjeb waqt li t-triq kienet x-xotta minn dak l-att il-vizibilita kienet tajba.

Illi minn naha l-ohra James Clifford Micallef kien qed isuq rota fl-inhawi. Intant Micallef kien qed isuq fil-lane ta' gewwa meta sehhet il-habta.

Illi minn kalkoli li ghamel l-esponent irrizulta li Taliana qatt ma bbrejkja qabel ma sehh l-incident u dan seta' jigi stabbilit peress li ma kien hemm l-ebda sinjali ta' break marks. Irrizulta skond kalkoli xjentifici li l-vettura li kien qed isuq Taliana baqghet diehla fuq wara tar-rota ta' Micallef b' velocita ta' mija u erbatax (114kmfs) kilometru fis-siegha.

Illi mid-dinamika tal-incident irrizulta li l-vettura numru NIN-004 baqghet diehla head on fuq wara tar-rota tal-vittma Micallef. Illi b' konsegwenza Micallef tar minn fuq ir-rota u gisem Micallef ghamel hsara fuq is-saqaf u l-windscreen tal-vettura li kienet qed tigi misjuqa minn Taliana. Illi b' konsegwenza l-gisem ta' Micallef gie projected u strah fuq il-wicc it-triq fuq naha tax-xellug ta' triq.

Illi fit-12 ta' Mejju, 2016 waqt li kien qed isir il-kontro ezami tal-espert Mario Buttigieg mid-Difiza, u fuq talba tad-Difiza, gie estiz l-inkarigu tal-espert sabiex huwa wara li jiehu in konsiderazzjoni daqqiet ohra li seta' kellha l-vettura tal-imputat jerga' jistabilixxi l-velocita' li biha kien qed isuq l-imputat. Illi f' dan ir-rapport addizzjonali nserit a fol 614 et sequitur tal-atti processwali ntqal hekk:-

Illi l-inkarigu tal-espert kien hekk kif dedott hawn isfel :-

- Li jara l-istat tal-vettura fi zmien tal-incident u jirrelata jekk kienx hemmx xi daqqiet ohra;
- Jispezzjona r-rota sabiex jigi stability jekk l-istess rota kelliex dawl fuq wara;
- Sabiex jistabilixxi l-velocita tal-vettura li kienet misjuqa minn Anthony Taliana dak in-nhar tal-akkadut incident.

Illi ghaldaqstant sabiex jara l-istat tal-vettura l-espert mar gewwa l-garaxx tal-Pulizija li jinsab gewwa Saint Andrews. Illi dan l-access sar fit-tletin (30) ta' Mejju 2016, fejn gie stabilit li din il-vettura nvoluta fl-akkadut incident hija ta' ghamla Opel mudell Astra bin-numru tar-registrazzjoni NIN 004. Din il-vettura qed tinzamm gewwa hut numru erbgha (4).

Stat tal-vettura

Illi llum il-gurnata din il-vettura hija mkissra kollha, irrizulta wkoll li hemm xi parts li huma neqsin minn fuq il-vettura. Intant il-hsarat li sofriet l-vettura l-principal directional force (pdf) dak in-nhar tal-incident kienet fuq quddiem u saqaf. Illi d-daqqa li hemm fuq il-bumper reinforce hija bid-dritt tad-daqqa li hemm fuq is-saqaf. Il-hsara li hemm fuq is-saqaf sehhet meta c-ciklist tar minn fuq ir-rota u b' daru kisser is-saqaf u l-windscreen tal-imsemmi vettura. Intant l-espert osserva li hsarat li sehhew fuq il-bumper reinforce, irrizulta li r-reinforcer ghalkemm dahal il-gewwa inklina l-gewwa. Illi kif inghad din il-vettura ghandha diversi daqqiet ohra u brix li ma kellhomx x' jaqsmu mal-habta per sei. Gie osservat ukoll li l-vettura kellha l-coating u cioe l-laqcuer tal-ispray kien mitfi. Gie osservat ukoll li l-vettura kellha diversi brix mad-dawra kollha tal-istess vettura.

Spezzjonar tar-rota sabiex jigi stabilit jekk kelliex dawl fuq wara

Illi fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju, 2016, l-espert iltaqa mas-Sur David Scicluna li jiehu hsieb l-esebiti tal-Qorti.  Is-Sur Scicluna flimkien mal-espert nizlu isfel taht is-sular tal-Qorti fejn hemm instabet ir-rota li kienet involutha dak in-nhar tal-akkadut incident. Intant din ir-rota kienet imdawwra kollha bil-plastik u kienet merfugha fuq stand tal-hadid. Waqt l-ezamini tar-rota rrizulta li r-rota sofriet hsarat estenzi kemm fuq ir-rota rim ta' wara u anki fil-frame. Gie stabilit li bid-daqqa r-rota ta' wara nqallat u kienet qed tinzamm f' post iehor. L-istess rota rim kienet mibruma. Gie stability ukoll li bil-habta l-frame mbarram u kien hemm anki gonot joints tar-rota fejn nqassmu mill-welding.

Hareg manifestament car li r-rota kellha dawl fuq wara u kien mwahhal taht is-seat. Gie osservat li l-cover tad-dawl kien

nieqes. Illi d-dawl kienu jikkonsistu f’ diversi bozoz LED’s. Illi meta l-espert ipprova jixghel l-bozza ta’ wara l-imsemmi bozza ma xelghitx. Dan jista jkun ghal diversi raguni fosthom li r-rota ilha merfuha u fejn anki bid-daqqa stess li r-rota hadet inqatta’ xi wire minn gewwa.

Intant dak in-nhar stess l-espert ezamina l-bumper. Intant il-bumper kien qed jinzamm fi xkaffar. Il-bumper kien mghotti w imdawwar b’ brown paper. Meta dan il-brown paper infetah irrizulta li l-bumper kellu mwahhal mieghu n-numru tar-registrazzjoni NIN 004. Dan il-bumper kien mkisser f’ diversi bicciet u hareg manifest li l-bumper ma kienx dak originali. Irrizulta li l-bumper ma kellu l-ebda marka jew logo tal-istess kumpanija tal-vettura fejn kienu neqsin.

F’ din it-tieni relazzjoni Mario Buttigieg ikkalkula li l-imputat kien qed isuq b’ velocita’ ta’ 90 (disghin) kilometru fis-siegha.

Ikkunsidrat:

Illi f’ dawn il-proceduri l-unika xhud okkulari dwar kif sehh l-incident awtomobilistiku tat-30 ta’ Lulju, 2009 hija Natasha Chesney, u cioe’ t-tfajla ta’ sbatax –il sena li kienet passiggiera fil-vettura misjuqa mill-imputat.

<u>Xhieda ta’ Natasha Chesney</u>

Illi meta hija xehdet quddiem l-espert Mario Buttigieg Chesney qalet hekk:

> We come over to Malta every summer and spend about 5 weeks. I have known Tony Taliana for a couple of years. This evening we met at Bugibba and then we went to Havana night club which is situated in Paceville. At about 04.30 a.m. I left from Paceville and got a lift with Tony. Whilst Tony was driving his car at a moderate to fast speed I saw a cyclist in the middle of the road. I noticed this cyclist when we were very close to him. I could not remember whether the cyclist was wearing a florescent jacket or even if the bike had any light on the rear. After the crash I was in a state of shock. I was screaming and wanted to get out of the car. Tony parked the car in a street in Bugibba and I left and met my friend Lauren Stanton. She also lives in Bugibba. In this incident I sustained slight injuries on my upper back thigh. Whilst I was in my friend's house I cleaned myself from all the glass fragments that were on me. I did actually tell Tony to stop because we had actually hit a person. Tony did not say anything and kept on driving. Last night I was drinking Vodka with Lemonade whilst Tony was drinking but I could not say what he was drinking. I did not buy him any drinks nor did I take any notice of the amount of drinks that he drank. We went at the Havana night club at about half past eleven (11.30) p.m. I do not have anything else to add to what I have stated above.

Illi meta l-istess Natasha Chesney xehdet f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-11 t' Awwissu 2009 hija kkonfermat li fit-30 ta' Lulju, 2009 kienet Havana mal-imputat fejn kienu waslu ghall-habta tan-12:30am u telqu fl-4:45am fejn saqu lejn Bugibba. Hija qalet hekk dwar id-dinamika tal-incident:-

> Witness: And then we were driving along and then we didn't see anything and before we knew it, we hit him.

Court: You hit who?

Witness: The cyclist.

Court: And how did you realise that you had hit the cyclist?

Witness: Because it smashed the windscreen.

Court: What smashed the windscreen?

Witness: The person.

Pros: How do you know that you hit a person if you didn't see him before?

Witness: Because he landed on the windscreen when we hit him.

Pros: And how do you know that the person was a cyclist? He was on a bike?

Witness: Because when we got close enough, you could see he was on a bike. But it was too late to do anything by the time I'd seen him.

Court: Can you repeat because I didn't understand you.

Witness: It was too late to do anything by the time we'd seen him because it was too close.

Court: It was too?

Witness: It was too close.

Pros: So you are saying that you were too close when you saw the person. Am I right?

Witness: Yes.

Pros: So you saw the person close to the vehicle before the impact?

Witness: Literally like, just before he hit us we saw him.

Court: But you saw him immediately before impact you're saying?

Witness: Yes.

Pros: So if the driver did not manage to stop the car, what about the speed?

Witness: I don't know what speed he was going?

Court: Do you drive?

Witness: No.

Court: You don't drive?

Witness: No.

Pros: But you can say if the vehicle was driving in a relative slow driving or maybe.

Court: Don't suggest.

Pros: So you're saying that the cyclist was hit. What happened at that very moment?

Witness: When we hit him we both panicked. I didn't know what to do and we kept on driving.

Court: What did you say to the driver? Did you say anything to him at that point?

Witness: I just said, "stop, we've hit someone".

Court: And what did he reply?

Witness: He just told me to calm down.

Din ix-xhud qalet ukoll li l-vittma laqat il-windscreen 'slightly towards the passenger side' u li huma kienu qed isuqu fin-nofs tal-lane taghhom. Chesney qalet li l-imputat kien qed isuq b' velocita' li kienet 'moderate to fast', li kienu qed jisimghu l-muzika fil-karozza u jitkellmu bejniethom. Ix-xhud indikat ukoll li l-imputat kien qed jixrob waqt li kienu l-Havana Night Club.

Illi Natasha Chesney qalet li hija bdiet tibki malli laqtu lill-vittma izda l-imputat qalilha sabiex tikkalma, naqqas il-velocita' izda baqa' sejjer u ma waqafx sakemm waslu Bugibba fejn waqafha fil-pjazza.

Responsabilita' ghall-incident tat-30 ta' Lulju, 2009

Illi wara ezami akkurat tal-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f' dan il-kaz din il-Qorti jidrilha li jirrizulta pruvat sal-grad ta' lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni li l-incident awtomobilistiku in dizamina fejn tilef hajtu Clifford Micallef sehh unikament tort tal-imputat minhabba nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u nuqqas ta' proper lookout da parti tieghu u dan ghar-ragunijiet li ser jigu elenkati hawn taht.

Illi qabel xejn izda din il-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza minn imkien ma rrizulta li l-vittma Clifford James Micallef seta' b' xi mod kellu xi parti mit-tort ghal dan l-incident, u cioe' li seta' kien hemm xi negligenza kontributorja. Mill-provi fil-fatt irrizulta li l-vittma qala' daqqa fuq wara, li huwa kien qed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq, li huwa kien liebes cycling gear u helmet ta' kulur isfar sabiex jidher u li huwa kellu dawl iteptep fuq in-naha ta' wara tar-rota tieghu, skond ma jirrizulta miz-zewg rapporti tal-espert Mario Buttigieg, kif indikat aktar il-fuq.

Illi fit-trattazzjoni finali d-Difiza accennat li seta' kien hemm xi forma ta' responsabilita da parti tal-vittma ghaliex huwa kellu l-MP3 f' widnejh, Illi fil-fehma tal-Qorti l-fatt li l-vittma seta' kien qed jisma' l-muzika fuq l-MP3 fil-mument tal-impatt hija ghal kollox irrilevanti considerando li s-sewwieq li laqtu kien gej minn warajh. Del resto tajjeb li wiehed jirrileva li skond ix-xhieda ta' Natasha Chesney l-imputat ukoll kellu l-muzika fil-vettura tieghu u fl-istess hin kien qed jitkellem ma' Chesney waqt li qed isuq.

Illi qabel ma tghaddi sabiex tindika f' hiex kienet tikkonsisti l-imprudenza, it-traskuragni u n-nuqqas ta' proper lookout da parti tal-imputat il-Qorti ser taghmel referenza ghal x' qalu l-Qrati taghna f' dan ir-rigward. Fis-sentenza recenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) tat-28 ta' Frar, 2018 moghtija fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Dorianne Camilleri' ntqal hekk:-

> Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet ' Pulizija vs Perit Louis Portelli' gie stipulat li:
>
> "Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f' nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b' ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.
>
> Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f' kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal- kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi filkaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li

jservi ta' gwida oggettiva ghall- gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta ddiligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 t' Ottubru 2012 fl-ismijiet : Il-Pulizija v Peter Stroud, il-Qorti ccitat dak illi qal Archbold fil-' Criminal Pleading, Evidence and Practice' :

"Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to recklessness. . . Probably, of all the epithets that can be applied "reckless" most nearly covers the case ... but whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not, in order to establish criminal responsibility, the facts must be such that . . . the negligence of the prisoner went beyond a matter of compensation between subjects and showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment..."

Illi huwa principju ben stabbilit li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm lhekk imsejjah "proper look out". Gie ritenut li:

"Hu dover ta' driver to see what is in plain view... u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout... Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one' s immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."

Illi l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li, "... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta' penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x' aktarx kienet tigi evitata jew x' aktarx li ma kinitx issehh f' dak il-grad li effettivement sehhet..."

Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghal dak li ntqal f' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tat-12 ta' Lulju, 2007 fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Haiden Vella) u cioe':

> Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim. Pol. vs. Joseph Vella - [10.8.1963] ) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla , [17.6.1961] ). "Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a builtup area, of the pavements on the side of the road as well." (Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd." [1968].

Illi fil-kaz odjern irrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat kien qed isuq b' velocita' aktar milli suppost ghall-lokalita' in kwistjoni. Kif indikat aktar 'il fuq mir-rapport addizzjonali tal-espert Mario Buttigieg jirrizulta li l-imputat kien qed isuq b' velocita ta' 90km/h. Mill-ewwel rapport tal-espert Buttigieg jirrizulta wkoll li l-post fejn sehh l-incident huwa mdawwar bil-bini u li ghalhekk il-velocita' ma' kelliex teccedi t-80km/h. Mill-istess rapport inoltre jirrizulta li fuq il-post kien hemm tabelli li jindikaw li l-ispeed limit kellu jkun ta' massimu ta' 70km/h. Inoltre Natasha Chesney indikat li l-imputat kien qed isuq b' "moderate to fast speed".

Illi dan kollu jindika li l-imputat zgur li kien qed isuq b' velocita' aktar milli kienu jippermettu r-regolamenti tat-traffiku ghal dik il-lokalita' liema velocita' eccessiva ma ppermettitlux li jevita l-impatt mac-ciklist li kien qed isuq quddiemu. Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali f' Pulizija vs Haiden Vella u cioe':-

> Illi mbaghad gie ukoll ritenut li: "speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari ghal dik illokalita' izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u millfatturi ambjentali tal-mument." (App. Krim. "Pul. vs. R. Bugeja" [30.6.1962] ). Jidher li f'dan il-kaz l-speed talvettura misjuqa mill-appellant kien oghola minn dak li kien jippermettilu li jwaqqaf il-car tieghu tempestivament f' kaz ta' bzonn minghajr ma jinvesti xi pedestrian li hu facilment seta' jipprevedi li jkun jew tkun qed taqsam fuq iz-zebra crossing minn wara l-vetturi pparkjati.

Illi n-nuqqas ta' proper lookout da parti tal-imputat jikkonsisti fil-fatt li huwa naqas milli jara lill-vittma qed isuq quddiemu fuq ir-rota nonostante li dan kien liebes cycling gear isfar u kellu d-dawl fuq ir-rota. Kien hemm element kbir ta' traskuragni da parti tal-imputat peress li huwa kemm minhabba l-velocita' li kien qed isuq biha, kemm minhabba l-alcohol li kien ikkonsma, kemm minhabba l-muzika li kellu fil-vettura u l-fatt li kien qed jitkellem mal-passiggiera li kollha ma poggewhx f' pozizzjoni jiehu dawk il-prekawzzjonijiet kollha mehtiega minn sewwieq prudenti sabiex jevita l-impatt mac-ciklist li kien ghaddej ghall-affari tieghu fit-triq.

Id-Difiza argumentat li t-triq fejn sehh l-incident de quo kienet mudlama u li kien hemm liwja u kurva vertikali li setghu irrestringew il-vizwali tal-

imputat. Fil-fehma tal-Qorti dawn il-fatturi aktar u aktar jitfghu responsabilita fuq l-imputat ghaliex tenut kont tal-liwja u tal-kurva vertikali u tad-dlam l-imputat kellu l-obbligu akbar li jaccerta ruhu li jkun jista' jikkontrolla l-vettura tieghu ghal kull eventwalita li tinqala.

Illi kif indikat Natasha Chesney hija rat il-vittma fuq ir-rota qabel l-impatt izda l-imputat ma lahaqx waqaf. Dan ifisser li huwa ma kienx qed izomm a proper lookout ghal dak li kien qed jigri fit-triq madwaru u ma kienx f' pozizzjoni li jkollu kontroll fuq il-vettura tieghu sabiex jieqaf fil-hin u jevita l-impatt.

Illi d-Difiza ghamlet enfasi kbir fuq sigra li kien hemm fit-triq u esebiet xi ritratti minn gazzetta lokali ta' dik is-sena. Il-Qorti f' dan ir-rigward taghmel riferenza ghall-pjanta mhejjija mill-Perit Richard Aquilina u ghar-rapport tieghu fejn huwa fl-ebda istanza ma indika li din is-sigra seta' kellha xi impatt fuq id-dinamika tal-incident.

Illi ghar-ragunijiet indikati aktar 'il fuq din il-Qorti ma tistax tiehu in konsiderazzjoni l-kalkoli maghmula mill-espert Godwin Sammut in kwantu jirrigwarda l-livell ta' alcohol li kellu l-imputat fil-mument tal-impatt. Il-Qorti tista' izda tistrieh fuq ir-rizultanzi ta-testijiet tal-urine sample li jindikaw il-livell ta' alcohol li kellu l-imputat fil-11:30am u cioe' fil-hin li ttiehed il-urine sample, u cioe' sitt sighat wara l-incident. L-iSpizjar Sammut jindika fl-ewwel relazzjoni tieghu li l-livell tal-alcohol kien ta 98mg/dl (0.98g/l) li huwa klassifikat bhala "Euphoria / Excitement diminuition of attention, judgement and control, impairment or perception

and loss of critical judgement (Clarke's Analysis of Drugs and Persons, Volume 1)"

Illi dan ifisser li jekk il-livell ta' alcohol li nstab sitt sighat wara li sehh l-impatt kien tali li jgib 'dimunition of attention judgement and control, impairment of perception and loss of critical judgement" jista' jitqies b' certezza li l-livell ta' alcohol li kellu l-imputat sitt sighat qabel kien gholha u kellu effetti aktar serji fuq il-kontroll u l-prontezza li jirreagixxi. F' dan ir-rigward issir referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali f' sentenza tas-6 ta' Gunju, 2003 fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Grech' u cioe':-

> Mill-band l-ohra ma hemmx dubbju li jekk persuna tkun qeghda issuq minghajr ma zzomm "a proper lookout" (ghax aljenata, distratta, ghajjiena, jew ghal xi raguni ohra, hi x' inhi) hu prevedibbli li ma tkunx fi grad li tirreagixxi kif suppost meta, per ezempju, xi hadd jaqsam it-triq jew javvicina l-vettura mill-gemb biex jaqsam. Li wiehed izomm "a proper lookout" waqt li qed isuq, u cioe li mhux biss ihares dritt quddiemu izda li jiehu kont ukoll tac-cirkostanzi kollha relevanti ta' madwaru inkluz dak li jista' jkun qed jigri fil-gnub tat-triq, hija norma ta' kondotta socjali intiza propju biex tevita l-hsara; u jekk allura persuna ma tkunx qed izzomm "a proper lookout" kif hawn fuq spjegat, u minhabba dak in-nuqqas tigri xi hsara, dik il-persuna trid twiegeb ghall-hsara involontarja hekk kagunata.

Illi apparti r-rizultat tal-urine sample irid jigi puntwalizzat li prova ohra li tindika li l-imputat kien xorob l-alcohol dak il-lejl hija x-xhieda ta' Natasha Chesney li tikkonferma li l-imputat kien qed jixrob.

Illi ghalhekk ghalkemm din il-Qorti ma tistghax tiehu in konsiderazzjoni il-livell ta' alcohol hekk kif kalkolat mill-Ispizjar Godwin Sammut fit-tieni rapport tieghu, xorta wahda abbazi tax-xhieda ta' Natasha Chesney u tal-konkluzzjonijiet tal-Ispizjar Godwin Sammut fl-ewwel rapport tieghu tista' tasal ghall-konkluzzjoni li ma hemmx dubju li fil-hin tal-incident l-imputat kellu livell ta' alcohol aktar gholi minn dak li rrizulta fil-11:30am u cioe' sitt sighat wara li sehh l-incident.

Illi waqt it-trattazzjoni finali d-Difiza accennat li din il-Qorti ma tistghax tistrieh fuq ir-rizultat tal-urine sample mehud minn Mario Scerri ghaliex dan is-sample ma giex konservat kif suppost. Illi l-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni ghaliex minn imkien mill-provi ma rrizulta li s-sample ma giex konserbat b' mod idoneju. Mill-provi anzi rrizulta li s-sample ittiehed minn espert wiehed (it-Tabib Mario Scerri) u gie sigillat quddiem l-imputat u nghata lill-espert l-iehor (Spizjar Godwin Sammut) mill-iSpettur Kevin Farrugia li ddikjara li fl-Ghassa ta' Birkirkara fejn ittiehed is-sample kien hemm refrigerator fejn jinzamm is-sample.

Illi ghalhekk ghalkemm l-imputat ma jistghax jinstab hati tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu minhabba li l-Qorti ma tistghax tiehu in konsiderazzjoni l-konkluzzjonijiet (back calculations) maghmula mill-espert Godwin Sammut fit-tieni rapport tieghu, din il-Qorti tqies li l-Prosekuzzjoni tista' titqies li rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6) u t-tminn (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat.

L-incident tal-1 ta' Dicembru, 2007

Illi rigward dan l-incident tal-1 ta' Dicembru 2007 Rachelle Dingli Attard meta xehdet quddiem l-espert Mario Buttigieg qalet hekk :-

> Ghar-rigward il-vettura ta' ghamla Mazda MX 5 irrid nghid li jien kont il-passiggiera u li kont involuta f' incident ta' traffiku gewwa San Giljan. L-incident sehh fl-ewwel (01) ta' Dicembru, 2007, waqt li x-xufier kien Anthony Taliana. Niftakar li kont iltqajt ma' Anthony Taliana gewwa Paceville. Kif sar il-hin iddecidejt li nitlaq lejn id-dar. Anthony Taliana kien offrieli lift fejn jien accettajt. Dak in-nhar kienet ix-xita waqt li triq kienet tizloq hafna. Jien kont riekba hdejh. Ma kienx qed isuq b' velocita qawwija meta qabad Triq Regjonali. F' daqqa u l' hin rajt il-vettura fuq in-naha tax-xellug tieghi. Jien fil-pront kont qbadt idejn Toni u niftakar nghajjatlu ismu. Ma kienx normali. Deher imheddel u ghajnejh imbexxqin. Ma kellux cans jikkontrolla l-vettura u baqa' diehel fil-hajt. Bid-daqqa jien hbat wicci mal-windscreen. Ippruvajt nohrog minn gol-vettura u niftakar nara parti minn xaghri imwahhal mal-windscreen. Wara bqajt sejjer dritt lejn l-isptar ma' sewwieqa li kienet ghaddejja dak il-hin min hemm. La jien u lanqas il-familja tieghi ma' ghamlu rapport l-ghassa. Qed nipprezenta ccertifikat li ghamluli meta jien kont rikoveratha gewwa l-isptar. Certifikat ammess u mmarkat bhala Dok RDA 01 u RDA 02. Ma ghandi xejn izjed xi inzid ma dak li ghidt hawn fuq.

Illi meta xehdet f' dawn il-proceduri a fol 242 u mbaghad regghat xehdet fl-14 ta' Lulju 2015 Rachelle Dingli Attard regghat irribadiet din il-verzjoni izda qalet ukoll li riedet tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat.

Illi Rachelle Dingli Attard qalet li bhala konsegwenza tal-incident kellha griehi f' rasha (forehead) u f' saqajha tal-lemin u li damet tliet ijiem rikoverata l-isptar u li l-marka fuq il-forehead ghadha tidher.

Illi mir-rapport addizzjonali tal-espert it-Tabib Mario Scerri nserit a fol 165 tal-atti processwali u mix-xhieda tieghu tas-6 ta' Novembru 2009 jirrizulta li meta huwa ezamina lil Dingli Attard fit-30 t' Ottubru, 2009, u cioe' kwazi sentejn wara l-incident, hija kellha evidenza ta' cikatrici fuq mohhha li ha tibqa' bhala marka permanenti fil-wicc.

Illi fil-fehma tal-Qorti ghalhekk mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f' dan il-kaz jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputat fl-1 ta' Dicembru, 2009 tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u bhala konsegwenza Rachelle Attard Dingli, li kienet passiggiera mieghu sofriet griehi ta' natura gravi li hallew debilita permanenti fil-wicc.

L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati anki tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

<u>L-addebitu tar-recidiva</u>

Illi l-imputat jinsab akkuzat li huwa recidiv abbazi ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-16 t' April, 2009. Ghalkemm kopja ta' din is-sentenza giet debitament esebita (a fol 336), kif gjustament irrilevat id-Difiza waqt

it-trattazzjoni finali, din il-Qorti ma tistax titratta mal-imputat bhala recidiva stante li fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-3 t' Awwissu, 2010 l-Avukat Generali naqas milli jindika l-Artikoli tal-ligi (Art. 49 u 50 tal-Kodici Kriminali) riferibbli ghar-recidiva u din il-Qorti hija marbuta li ssib htija skond l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali.

<u>Piena</u>

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-kontenut tas-Social Inquiry Report if ukoll in-Nota ta' Riferenzi maghmula mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena fejn l-istess Difiza irriteniet li jekk tinstab htija ghadha tigi mposta piena karcerarja sospiza.

Illi fil-kaz odjern izda din il-Qorti jidrilha li c-cirkostanzi tal-kaz, u senjatament il-fatt li l-imputat nonostante li nduna li laqat lil xi hadd, ghazel li jibqa' sejjer u li ma jieqafx jaghti l-ghajnuna, u dan nonostante li l-passiggiera li kellu mieghu bdiet tissollecitah sabiex jieqaf, jimmilitaw favur piena karcerarja effettiva.  Id-Difiza pruvat tghid li l-imputat baqa' sejjer ghaliex kien fi stat ta' paniku izda l-Qorti temmen li mill-provi rrizulta assolutament il-kuntrarju.  Dan jinghad mhux biss ghaliex Natasha Chesney qalet li malli ndunat li kienu laqtu lic-ciklist u huwa laqat u kisser il-windscreen u hija bdiet tghajjat u tghid lill-imputat sabiex jieqaf, ir-reazzjoni tieghu kienet li jipprova jikkalma lilha.  Huwa mhux talli baqa' sejjer u wassalha Bugibba izda mill-provi rrizulta li huwa mbaghad mar il-Hamrun sabiex ihalli l-vettura fil-garaxx ta' missieru u meta missieru u hu gew imwaqfa mill-Pulizija tal-Mobile Squad huwa halla lil missieru jiehu r-responsabilita' ghall-involviment fl-incident u huwa telaq

minn fuq il-post u rega’ rritorna Bugibba fejn ghazel li jorqod u li ma jirrispondiex il-mobile u lanqas ma jiftah il-bieb lill-Pulizija.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-agir tal-imputat immedjatament wara l-incident huwa verament deplorevoli ghaliex li wiehed jinduna li laqat lil xi hadd u jarah itir u jkisser il-windscreen u jaghzel li jibqa’ sejjer minflok jieqaf u jara x’ gara u jaghti l-ewwel ghajnuna, jew almenu jcempel ghall-ghajnuna, huwa verament xi haga inaccettabli.  L-imputat ghandu jirrispondi ghal dan l-agir.  Il-Qorti inoltre jidrilha li ghandu jintbaghat messagg car li l-hajja umana hija xi haga imprezzabbli u li wiehed jittemina hesrem il-hajja ta’ haddiehor minhabba imperizja u traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti minhabba sewqan eccessiv u ghaliex ikun ikkonsma l-alcohol u mbaghad addirittura jibqa’ sejjer minghajr ma almenu jipprova jaghti assistenza lill-vittma hija xi haga li m’ ghandha qatt tigi tollerata.

Ghal kull buon fini qed jigi ndikat li l-Qorti applikat il-piena kontemplata fl-Artikolu 225 qabel ma dahlu l-emendi fl-2010 fejn gie ntrodott l-artikolu 225(2) u dan stante li l-imputat qed jinstab hati ghal-zewg incidenti awtomobilistici li sehhew qabel ma dahlet fis-sehh l-emenda tal-2010 appena citata.  Ghal kull buon fini qed jigi dikjarat ukoll li tali emenda xorta wahda ma kinitx tkun applikabbli ghall-kaz odjern stante li si tratta ta’ zewg incidenti separati u distinti.

Illi in kwantu ghad-dewmien f’ dawn il-proceduri din il-Qorti tixtieq tippuntwalizza li l-imputat tressaq b’ arrest fil-31 ta’ Lulju, 2009,  Illi fil-15 ta’ Mejju, 2012 l-imputat intavola rikors Kostituzzjonali fejn din il-Qorti

kellha tistenna l-ezitu ta' dawn il-proceduri Kostituzzjonali qabel ma tkompli bis-smiegh tal-kaz u dan fuq talba tal-istess imputat. Illi l-imsemmija proceduri Kostituzzjonali gew konkluzi fis-6 ta' Frar, 2015. Illi fil-25 ta' Novembru 2011 inqraw l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju u d-Difiza damet tressaq il-provi taghha mis-26 ta' Jannar, 2012 sas-7 ta' Dicembru, 2017

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-3 t' Awwissu, 2010 u senjatament l-Artikoli 225, 226(1)(b), 17 u 31 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 15(1) (a), (2), (3), 15A(1)(2), 15(a)(2)(3), 15A(1)(2), 15B, 15H(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 3(1)(1A)(1B)(2)(2A)(2B) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lil imputat hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala (i), (ii), (iv), (v), (vi), (vii) u (viii) u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena (1) millum. Ghar-ragunijiet indikati aktar 'il fuq il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni mmarkata bhala (iii) u konsegwentement tilliberah minnha.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf mitejn seba' u sittin ewro u sebgha u sebghin –il centezmu

(€1267.77[6]) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

[6] Rapport ta' Dr. Martin Bajada pg 149-151 €183.84, rapport tal-ispizjar Dr. Godwin Sammut pg 183-198 €203.08, rapport ta' Dr.Steve Farrugia Sacco pg 286-291 €420.65 u rapport ta' Dr. Mario Buttigieg pg 614-630 €460.20